MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 122/2005

**Avviz numru 122/05 DM**

**Paul Micallef, ID 413759 (M), illi jiggestixxi l-istabbiliment "Tatara Bathrooms"**

**Vs**

**Raymond sive Ray Debono (ID 326156 M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u sbatax-il lira Maltin (LM 2,217) rapprezentanti bilanc minn somma ikbar dovuta mill-konvenut bhala prezz ghal tminn mija u hames metri kwadri (805 m.k.) madum 'gres' lilu mibjugh u kkonsenjati;

Bl-imghax legali mid-29 ta’ Lulju, 2004 sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma’ deher fis-seduta ta’ llum biex jirrispondi ghal domandi in subizzjoni;

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma, anke wara li rat id-dokumenti esebiti;

Ghaldaqstant qeghdha tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallas lill-attur is-somma mitluba ta’ elfejn, mitejn u sbatax-il lira Maltin (LM 2,217) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz;

Bl-imghaxxijiet legali mid-29 ta’ Lulju,2004; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------